MALTA

QORTI TA' L-APPELL

ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1840/2002/1

Publius Micallef

vs

Sunroute Company Ltd

Il-Qorti,

Fil-5 ta' Novembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab minghand is-socjeta konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf u tnax-il lira Maltija (Lm1012), dovuti bhala kumpens ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu qabel iz-zmien iffissat fil-kuntratt ta' impjieg.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet fl-ewwel lok in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Mill-atti jirrizulta li l-attur kien impjegat mas-socjeta konvenuta bhala *Assistant Technician* b'effett mis-7 ta' Frar 2001 (ara Dok. LN1). Il-kuntratt ta' impjieg huwa wiehed ghall-perjodu defenit, mis-7 ta' Frar 2001 sas-6 ta' Frar 2002.

2. Li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' somma flus m'hemmx dubbju.

3. Il-hlas li qieghed jintalab mill-attur huwa skond l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg (Kap. 135). L-Artikolu 34[11] jipprovdi:

"Principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem".

4. Skond l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266):

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra".

5. Fil-kaz in kwistjoni l-attur m'huwiex jibbaza l-azzjoni tieghu fuq allegata tkeccija ngusta. Il-funzjoni tat-Tribunal Industrijali hija sabiex tiddetermina kienx hemm tkeccija

ngusta u f’kaz li hekk tiddetermina tordna li l-haddiem jerga’ jinghata lura l-impjieg jew skond il-kaz jinghata kumpens. Fil-proceduri odjerni l-attur qieghed sempliciment jitlob dak li haddiem ghandu dritt ghalih skond il-ligi meta jkun impjegat taht kuntratt ta’ impjieg defenit, minghajr ma jallega li gie mkecci ingustament u jitlob rimedju.

6. Min-naha taghha s-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi [ara t-tieni eccezzjoni] li l-attur *"abbanduna x-xoghol tieghu"*. B’hekk it-Tribunal qieghed jifhem li l-argument tas-socjeta konvenuta huwa li kien l-attur li telaq mis-servizz u ghalhekk l-ebda hlas m’huwa dovut.

7. Jidher ghalhekk li fil-kaz odjern hadd mill-kontendenti mhu qieghed jallega li kienet saret tkeccija ngusta. It-Tribunal irid jindaga u jiddeciedi liema wahda miz-zewg allegazzjonijiet kienet l-iktar verzjoni attendibbli, igifieri jekk l-impjieg giex itterminat mis-socjeta konvenuta jew kienx l-attur li telaq mill-impjieg meta abbanduna x-xoghol tieghu.

8. L-avukat difensur tas-socjeta konvenuta ghamel accenn li hemm sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell li f’kazijiet simili ddikjaraw li dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni. Wahda minn dawn is-sentenzi inghatat fil-15 ta’ Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet Martin Aquilina proprio et noe vs Moira Chircop. It-Tribunal ghandu certi rizervi partikolarment ghal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ddikjarat li *“l-kwistjoni inerenti ghat-talbiet dedotti fil-procedura in dizami kienu <u>ta’ natura kumplikata</u> u mhux sempliciment kwistjoni ta’ hlas ta’ kreditu sic et simpliciter….”* Il-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx ghal nuqqas ta’ gurisdizzjoni. It-talba ta’ l-attur mhi xejn ghajr talba ghall-hlas ta’ flus [“money claim”], u bhala tali t-Tribunal jemmen li taqa’ taht il-gurisdizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta konvenuta."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravju illi gjaladarba, fil-fehma taghha, l-kwestjoni nvoluta f'dan il-kaz hi ta' natura kumplikata, it-tribunal kellu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Is-socjeta` appellanti tissostanzja l-posizzjoni taghha fuq dak dedott mill-Ministru responsabbli li kien qed jippilota l-abbozz ta' ligi waqt id-dibattitu Parlamentari kif ukoll fuq l-istregwa tal-hsieb zvolt fid-decizjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Martin Aquilina pro et nomine –vs- Moira Chircop**". Fiz-zewg istanzi r-ragjonament rikorrenti kien dak li t-Tribunal ghandu jokkupa ruhu minn kawzi semplici u mhux kumplikati.

L-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-1995 li holoq it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jippreciza li t-Tribunal hu vestit bil-gurisdizzjoni "biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Jipprovdi, mbaghad, fis-subparagrafu (5) tal-istess Artikolu 3 ghal dawk il-kwestjonijiet li jesorbitaw mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Imkien l-Att precitat ma jirrestringi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ma' kumplikazzjonijiet o meno tal-meritu tal-kaz specifiku. U allura la dan ma jinghadx espressament fl-Att, il-vera intenzjoni tal-legislatur ma tistax hlief tigi ricerkata mil-ligi nnifisha.

Il-prattika tal-Qrati li jfittxu elucidazzjoni mid-diskussjoni Parlamentari dwar ligi partikulari ghalkemm hi prattika tajba u ben segwita minn dejjem pero` giet rigwardata entro parametri ta' salvagwardi strettament delinejati.

Hekk ir-Ricci (Diritto Civile, Vol I parte 1a para 13) jaghmel din l-osservazzjoni:-

"Nel ricercare lo spirito della legge giovare tener presente le discussioni che hanno preceduto la formazione della legge e le relazioni delle commissioni e dei ministri; ma si

guardi bene l'interprete dallo attribuire di una soverchia importanza a sifatti elementi di interpretazione … … L'interprete deve fermare la sua attenzione sui precedenti della legge e specialmente sul complesso delle sue disposizioni intese a regolare una data materia".

Issa hu minnu li fil-kumpless tieghu l-Att V ta' l-1995 jipprovdi certament ghall-proceduri spediti u sommarji (Art 9(2)(a), snelliti minn regoli sagramentali ta' procedura. Dan, mod jew iehor, jista' jigi traccjat minn disposizzjonijiet varji ta' l-Att billi fihom insibu li:

(a) il-Gudikatur mhux marbut bl-esigenzi dwar l-ahjar prova (Art 9 (2)(b))
(b) il-Gudikatur ghandu jevita kemm jista' jkun milli jahtar esperti (Art 9 (2)(c))
(c) il-procediment ma jitqiesx invalidu minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` (Art 9 (3)). Ovvjament iridu dejjem jitharsu l-principji ta' gustizzja naturali (Art 9(1)) u fondamentali ghal smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti sancita fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja (Vide "**Emanuel Caruana nomine –vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru 1996)
(d) l-aggudikazzjoni ssir skond il-principji ta' l-ekwita` (Art 7 (1)). "Tajjeb li jinghad li l-Att V ta' l-1995 kien gie mahsub biex jaghti diskrezzjoni lit-Tribunal biex jekk hemm bzonn dan joqghod fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwita` u mhux ikun marbut b'parametri strettament legalistici" ("**Peter Mifsud et –vs- Joseph Camilleri**", Appell, 26 ta' Ottubru 2001).
(e) Ghall-fini tas-sommarjeta` l-Artikolu 13 imbaghad jipprovdi testwalment illi jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smiegh tal-kawza u terga' tonqos fid-data li fiha l-kawza tkun giet differita, l-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba.

Fil-kaz prezenti d-difiza tas-socjeta` appellanti hi arginata entro l-konsiderazzjoni illi l-appellat kien abbanduna l-impjieg ghal zmien definit. Ghas-socjeta` appellanti din id-difiza ghandha per se tibbasta biex jaghmel mill-kaz kwestjoni kumplikata li tesula l-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Din il-Qorti ma tikkondividix dan ir-ragjonament. Il-kwestjoni dwar jekk il-materja hijiex wahda ta' licenzjament jew ta' abbandun hi wahda ta' provi u tal-apprezzament dwarhom. Kwestjoni bhal din ma tistax tahrab la l-attenzjoni u wisq anqas il-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit biex jindaga dwarha.

Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.

Kien ghalhekk ghal kollox korrett it-Tribunal adit li ma akkoljiex l-eccezzjoni sollevata. Ragjonevolment din il-Qorti ma tarax ghalhekk kif il-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal tista' titqies legalment vizzjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------